# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 10 ta' Lulju 2001**

**Avviz. numru 1510/99**

**Numru 3**

**John Vella ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' BALLUT BLOCKS LIMITED**

**vs**

**Paul Abela u Josephine mart l-istess Paul Abela ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur nomine ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u sebghin Lira Maltija u hamsa w sebghin centezmu (Lm879.75), rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' bricks tal-konkrit u ramel lill-konvenuti mibjugha u konsenjati mil-attur nomine.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 t'April 1999 u ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Mejju 1999 u tal-Mandat ta' Qbid prezentat mal-

avviz, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur nomine sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-2 ta' Lulju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm879.75,0 bl-imghaxijiet legali mit-12 ta‘ Mejju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta’ April 1999, ta’ dik ufficjali tat-12 ta’ Mejju 1999 u dawk tal-mandat ta’ qbid kawtellatorju tat-18 ta’ Ottubru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg